**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 13 ta' Jannar 2020**

**Talba Nru: 97/20 CZ**

**Maria Lourdes sive Mary Gabriele**

**vs**

**Toninu Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attrici mressqa fl-20 ta' Mejju 2020 fejn talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut sabiex ihalls lill-attrici s-somma komplessiva ta' tmin mitt Euro (€800) jew somma ohra verjuri rapprezentanti depozitu li hallset l-attrici lill-konvenut ghal xoghol li kellu jsir fil-propjeta' tal-attrici u cioe' 24, Triq l-Istefanotis, San Gwann u li effettivament qatt ma beda u wisq inqas tlesta.

Bl-ispejjez kollha inkluz tal-ittra legali datata 23 ta' Jannar 2020 (kopja annessa) u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut, debitament notifikat, ma pprezentax risposta u lanqas deher quddiem it-Tribunal.

Sema' x-xiehda ta' l-attrici, li kkonfermat li l-ammont mitlub minnha f'din il-kawza ghadu kollu dovut, u xehdet dwar id-dokumenti minnha esebita mat-talba odjerna.

Ra li l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

**Ikkunsidra:-**

1. Permezz ta' din it-Talba, l-attrici qieghda titlob il-hlas, minghand il-konvenut, ta' tmin mitt Euro (€800) jew somma ohra verjuri rapprezentanti depozitu li hallset l-attrici lill-konvenut ghal xoghol li kellu jsir fil-propjeta' tal-attrici u cioe' 24, Triq l-Istefanotis, San Gwann u li effettivament ma nbediex.

2. Illi l-attrici kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont reklamat minnha ghadu dovut fl-intier.

**Ikkunsidra ulterjorment**;

1. Illi l-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

 Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:

 (b) <u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis. (sottolinejar tat-Tribunal).

2. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma' lill-konvenut f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

3. Fil-kaz odjern, il-konvenut gie debitament notifikat u la ressaq risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal.

4. Jirrizulta li t-talba tal-attrici hija fondata u ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mill-attrici ma ghandux mis-sewwa.

5. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attrici huwa dovut mill-konvenut.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta' u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa' t-talba tal-attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tmin mitt Euro (€800) bl-imghax kif mitlub sal-hlas effettiv. L-ispejjez, kif mitluba, ikunu kollha a kariku tal-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur